Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru.8 | Ottubru-Diċembru 2010 | 40c

## Il-Ħaddiema Postali fl-Ewropa lsiera tal-privatizzazzjoni

In-Neoliberalismu sar il-ħsieb ewlieni ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej, ħsieb li qiegħed jnawwar is-sisien tad-Demokrazija Industrijali. Illum jista' jingħad bil-miftuħ li Demokrazija Industrijali fis-settur postali tnawwret u f'qasir żmien ser tispiċċa. Il-mewġa ta' privatizzazzjoni ta' Servizzi Pubbliċi fl-Unjoni Ewropeja u anke f'Malta qiegħed ikisser il-kunċett ta' Ewropa Soċjali.

Is-Servizz Postali Ewropew spiċċa wkoll attakkat mill-politika tal-lemin. Ma ħamlux li servizz jibqa' wieħed pubbliku sabiex jkompli jaqdi l-ħtiġijiet soċjali tal-popli u joffri kundizzjonijiet mill-aqwa lill-ħaddiema. Kull fejn tħaddmet il-politika tal-privatizzazzjoni l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema ġew ipperikolati u servizz għola fil-prezz. Fil-fatt rimarka li għadda dan l-aħħar Membru Parlamentari Ewropew Olandiż mill-Blokk tas-Soċjalisti, attakka lill-Kummissjoni Ewropea li l-għan aħħari għall-liberalizzazzjoni tas-Servizz Postali minn Jannar ta' 2011 ma jfisser xejn ħlief privatizzazzjoni tas-servizz postali. Fil-fatt hekk hu, araw x'inhu jinħema ġewwa l-Ingilterra fejn il-Gvern Ingliz jrid jipprivatizza waħda mill-aqwa kumpaniji Pubbliċi r-'Royal Mail', Franza l-istess. Fl-Olanda l-privatizzazzjoni ġabet tnaqqis fil-paga ta' 17.5%. Fil-kumplament tal-pajjiżi l-privatizzazzjoni qiegħda ġġib biss prekarjetá.

Il-Unjins u l-ħaddiema Ewropej qed jindunaw li jekk ma jingħaqdux flimkien, l-impjieg żgur tagħhom qiegħed kullma jmur jiġi pperikolat u mhedded. Riċentament numru kbir ta' ħaddiema postali ħarġu jiddimostraw ġewwa t-toroq ta' Strassburg, flimkien mall-Konfederazzjoni ta' Trejdjunjins Ewropej, sabiex jitolbu moratorjum tal-liberalizzazzjoni lill-Kummissjoni Ewropeja ħalli jiġu mħarsa d-drittijiet tal-ħaddiema f'dan is-settur postali kif kien ġie suppost




stipulat fid-Direttiva ta' 2008/6/KE(1) li suppost din ġiet mfassla biex tassigura kundizzjonijiet tajba ta' xogħol, ħarsien soċjali u biex jiġi assigurat li servizz postali jibqa' wieħed garantit u adegwat.

"Il-ħaddiema postali fl-Ewropa qed jispiċċaw ma jistgħu jagħmlu xejn quddiem din il-problema tal-prekarjeta u l-privatizzazzjoni. Huma qed jsejħu sidien privati ġodda bħala l-'*Cowboys' tas-suq postali*'."

Il-mewġa ġdida Ewropea fis-settur postali mnebbħa mill-neo liberaliżmu hi li ħafna mill-kumpaniji qegħdin jħaddmu sistema li twarrab lill-ħaddiema b'impjieg regolari 'full-time' għal wieħed prekarju, fuq bażi part-time u b'kuntratt temporanju. Ħaddiema b'impjieg prekarju jsibu ruħhom f'sitwazzjoni dgħajfa biex jissieħbu f'Unjin jew biex jitolbu kundizzjonijiet tajba ta' xogħol.

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tikkritika l-Gvern Nazzjonalista talli b'għaġġla kbira privatizza s-servizz postali, b'detriment għall-istess servizz li ogħla fil-prezz u tnawwru l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema. Fil-fatt l-ingaġġ ta' ħaddiema ġodda mal-Maltapost qed jkun wieħed fuq bażi part-time u b'kuntratt definit. Dana qed jwassal għal deterjorazzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kollha postali u qed jwassal biex is-servizz postali f'Malta jibda jitħaddem minn ħaddiema bil-prekarjetá. Huwa ta' mistħija li ħaddiema postali li qed jagħmlu l-istess xogħol jaqgħu taħt kategoriji differenti ta' xogħol.

L-ħaddiema postali kollha jeħtieġ li jkunu solidali ma' xulxin, irrelevanti jekk hux stabbli, part-time jew b'kuntratt. L-istess għall-Unjins, illum aktar minn qatt qabel jeħtieġ li jaħdmu flimkien sabiex jwaqqfu l-mewġa ta' prekarjetá fis-servizz postali u f'setturi oħra li ġew pprivatizzati. L-istess, il-Unjins iridu jaħdmu u jagħmlu kuntatti internazzjonali ma' trejdjujins oħra barranin sabiex jiskambjaw esperjenzi ta' taqbida. Unjins lkoll jafu li huma mhux waħedhom f'din it-taqbida kontra l-prekarjetá u l-miżuri ta' awsteritá. Warajhom hemm moviment Xellugi mill-Blokk tax-Xellug Magħqud, il-Komunisti, wħud mis-Soċjalisti, l-Partiti tal-Ħodor u movimenti soċjali oħra.



## Is-Segretarju Ġenerali ta' l-Alternattiva Demokratika ntervistat

**Michael Grech intervista lis-Segretarju Ġenerali ta' l-AD, Michael Briguglio, għal Żminijietna**

*Min huma dawk il-klassijiet u gruppi fis-soċjetà tagħna li l-Alternattiva taspira li tirrapreżenta politikament?*

Bħala partit tal-Ħodor aħna partit li jaspira li jirrappreżenta '*cross section*' minn kull parti tas-soċjetá Maltija b'politika li tirrispetta l-minoranzi, dawk il-gruppi li huma soċjaljment esklużi jew oppressi minħabba sess, sesswalitá, twemmin jew stil ta' ħajja. Barra minn hekk, bħala partit li għandu politika soċjali progressiva, aħna wkoll partit li jappella lill-ħaddiema, speċjalment dawk li għandhom dħul baxx, kif ukoll lil dik li tissejjaħ '*New Middle Class*'. Din ġeneralment tkun magħmula minn nies ta' klassi tan-nofs, li spiss ikollhom livell ta' edukazzjoni pjuttost għoli u aktarx ikollhom twemmin u valuri li jkunu qrib dawk tal-partiti tal-ħodor. Ngħidu aħna, ikunu favur id-diversitá u l-pluraliżmu, u li jkollhom valuri post-materjalisti bħat-tolleranza, id-difiża tal-ambjent u l-ugwaljanza tas-sessi.

Hemm ukoll l-idea li l-politika tal-ħodor hi politika ta' kulħadd, minħabba li kulħadd qed jiġi mhedded minn affarijiet bħat-tniġġis, tibdil fil-klima u ħwejjeġ bħal dawn. Hemm ukoll min jgħid, u jien naqbel ma dan, li fis-soċjetà ta' llum, il-bniedem m'għandux identità waħda, imma bosta. Mhux qed ngħid hekk biex narmi politika li tappella lill-klassi tal-ħaddiema, imma għax nagħraf li s-soċjetà illum hi wisq kumplessa. Ngħidu aħna, jista' jkollok ħaddiem li hu razzist, jew mara li taqbel ma' twemmin politiku jew reliġjuż li hu kontra n-nisa, jew tkun gay u timmilita f'partit li għandu ideat konservattivi kontra dawn in-nies (f'Malta eżempji bħal dawn hawn bosta). Jekk titlaq minn l-interessi

(ikompli f'paġna 5)

## WIRJA TA' L-ARTI LI TITRATTA L-FAQAR

***Is-sena 2010 hija s-sena dedikata lill-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali. Il-faqar li jiġi f'kull forma huwa realta' li qed inhabbtu wiċċna magħha kuljum. L-organizzazzjoni Żminijietna Leħen ix-Xellug li temmen fi sħiħ fil-ġustizzja soċjali għal kulħadd, ser tniedi wirja kollettiva tal-Arti bit-tema Il-'Faqar u l-Esklużjoni Soċjali' u dan ukoll biex tikkommemora din is-sena mportanti.***

***Din il-wirja ser tiġi nawgurata mill-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta Dr. George Abela LLD nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru 2010 ġewwa Gallerija Liberté, fi ħdan il-bini tal-General Workers Union, il-Belt. Il-wirja se ddum miftuħa sat-Tnejn, 21 ta' Diċembru, 2010.***

***Fost ix-xogħlijiet esebiti ser ikun hemm pittura, skultura u ċeramika li lkoll se jitrattaw it-tema tal-Faqar. Din il-wirja se tkun ta' nteress għall-pubbliku għax barra li tpaxxi l-għajn mill-aspett artistiku se sservi wkoll biex jitqajjem aktar għarfien dwar ir-realtá tal-faqar kullimkien. Ukoll, tul il-wirja l-viżitaturi ser ikollhom l-opportunita biex jagħtu donazzjonijiet li ser imorru għall-benefiċċju tal-Community Chest Fund.***


***Ġewwa ...***

**Intervista ma' Bianca Zammit f'Gaza**

**Kitbiet minn ...**

**Evarist Bartolo MP**

**A. Pert**

**Lino Vella**

**Mary Anne Zammit**

**Sammy Camilleri**

# Dnubiet kontra d-demokrazija

**Victor Degiovanni**

Bħalissa għaddejja kontroversja fil-ġurnali lokali ta' kuljum u anki fil-gazzetti ta' nhar ta' Ħadd dwar l-introduzzjoni tad-divorzju f'Malta. Ħafna mill-kitba kontra l-introduzzjoni ta' divorzju ma tiswa xejn fir-realtá ta' llum. Dan huwa dovut għall-fatt li 'llum Malta hija membru sħiħ ta' l-Unjoni Ewropea u ħadd ma jista' jċaħħad lil xi ndividwu mid-divorzju, li huwa meqjus bħala dritt ċivili.

Ħafna qegħdin jippontifikaw fuq hekk, u qegħdin iqisu li jekk jiġi ntrodott dan l-imbierek divorzju, id-dritt demokratiku tagħhom ta' reżistenza, 'li jopponu d-dħul tiegħu f'Malta', sejjer ikun mittiefes. Din il-mentalitá hija żbaljata għax ma humiex sejrin jiġu mċaħħdin mill-ebda dritt demokratiku.

Fuq dak li hu demokratiku u f'dak li mhuwiex, għoġbu jikteb is-Sur Austin Bencini fl-artiklu tiegħu li deher fit-*Times of Malta* ta' nhar it-Tlieta 24 ta' Awissu, taħt it-titolu *"A sin against Democracy"* b'risposta għal Dr Joe Brincat, li kien ikkummenta fuq l-istess gazzetta dwar dak li kien qal l-Kanonku Anton Gouder, u dwar il-liġi 'tal-prattiċi korrotti'.

Austin Bencini fl-artikolu tiegħu jipprova jagħti x'jifhem li l-Amministrazzjoni Laburista tas-snin Sebgħin immexxija mil-Perit Dom Mintoff ġabet ġlied u qasma fil-pajjiż, meta fil-fatt, kienu affarijiet oħra, li wasslu għal atti vjolenti ta' dak iż-żmien.

Kienu l-provokazzjonijiet kontinwi ġejjin min-naħa tal-partitarji Nazzjonalista ta' dak iż-żmien, li ma kienux baqgħu igawdu l-klijentaliżmu sfrenat ta' l-amministrazzjoni ta' Borg Olivier u l-ewwel każini li ġew attakkati u saritilhom il-ħsara kienu il-każin Laburista ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' l-Imsida, li sfaw vittma ta' parti mill-folla Nazzjonalista li attendiet għal Meetings Nazzjonalisti li kienu saru f'dawk iż-żewġ lokalitajiet.

Il-Partit Laburista dejjem kien żvantaġġjat, għax l-appoġġ tiegħu kien isibu mill-klassi tal-ħaddiema li sfortunatament, ħafna min dawn ma kienux illuminati minn idejoloġija u tattika politka u b'hekk dawn irritaljaw bl-aħrax billi kissru u farrku aktar każini Nazzjonalisti. B'hekk dawn il-povri ħaddiema waqgħu għat-tattika tal-partiti tal-lemin, fejn dawn jitfgħu l-ewwel ġebla u wara jilgħabuha tal-vittmi.

Matul l-gvernijiet Laburisti ta' dak iż-żmien kien sar progress kbir, speċjalment bil-bidla ta' l-ekonomija minn waħda bbażata fuq bażijiet militari, għal waħda ndustrijali. Kien ħa spinta 'l quddiem bis-serjetá t-turiżmu, u sar wkoll titjieb fil-kundizzjonijiet soċjali tal-familji Maltin, fejn il-faqar dak inhar kien sparixxa għal kollox. Illum taħt l-amministrazzjoni oħra Nazzjonalista, il-faqar reġa' qed ikun magħna. Ħadd ma jiċħad li ma kienux saru żbalji, ħadd mhu perfett taħt il-kappa tax-xemx, imma jekk tiżen kollox, il-miżien ixaqleb in-naħa l-oħra. Jekk wieħed irid jitkellem fuq żbalji, wieħed għandu janalizza x'qed isir illum qabel ma dan jiftaħ ħalqu.

Fl-istorja politika riċenti ta' Malta, żgur li l-aktar żewġ elezzjonijiet li ma jistawx jissejħu demokratiċi kienu dawk ta' 1962 u ta' 1967, fejn sanzjonijiet morali kienu mposti fuq l-Partit Laburista mill-ġerarkija Kattolika lokali.

Li ma jsemmi xejn hawnekk is-Sur Bencini huwa, dwar il-komplott illi kien hemm bejn il-Gvern Kolonjali Ingliż, il-borgeżija lokali, u l-ġerarkija Kattolika Maltija mmexxija min Monsinjur Mikiel Gonzi li kien Arċisqof ta' Malta dak inhar, sabiex iżommu milli jiġi elett l-uniku partit li kien qed jiġġieled għal Indipendenza ta' Malta. Dak iż-żmien l-għajta tal-PN kienet waħda ta' kważi '*Dominion status',* u mhux ta' Indipendenza.

L-elezzjoni ta' 1962 kienet ġiet mirbuħa mill-Partit Nazzjonalista bis-saħħa ta' dnub il-mejjet, u fl-1964 l-Gvern Kolonjali Ingliż kien ta l-Indipendenza lil Malta kif ried u kif għoġbu, jiġifieri kollox baqa' f'idejn l-Ingliżi u konna Indipendenti fuq il-karta biss. Dan kien sar wara referendum, fejn 42% biss mill-elettorat ivvutaw għal Indipendenza kif kienet proposta mil-Gvern Ingliż. Dawn kienu l-vera dnubiet kontra d-demokrazija u mhux id-dħul ta' divorzju.

Biex nirritornaw għal argument tad-divorzju, Austin Benċini jagħlaq l-artikolu tiegħu billi jwiddeb lil Jeffrey Pulliċino Orlando u lill-ex mara tiegħu, Marlene Pulliċino għal dak li skond huwa, hi ħsara li qegħdin jikkaġunaw lis-soċjetá Maltija. Widdbu wkoll talli ma ħalliex il-Parlament jiddeċiedi xi proċeduri għandu jieħu f'dan ir-rigward jekk hux b'vot parlamentari, b'elezzjoni ġenerali jew b'referendum. Skond Austin dan mhuwiex dnub kontra l-knisja, imma dnub kontra d-demokrazija.

Li huwa żgur dnub kontra d-demokrazija, huwa l-fatt, li wieħed jimponi t-twemmin reliġjuż jew morali tiegħu fuq ħaddieħor. Id-divorzju mhuwiex issue politiku bħalma qegħdin ipinġuħ diversi wħud, imma huwa sempliċiment kwistjoni ta' kuxjenza.

Bl-introduzzjoni tad-divorzju, dawk li huma kontrih moralment mhumiex sejrin jiġu sfurzati li jiddivorzjaw, sejrin jibqgħu liberi li jgħażlu huma. Min naħa l-oħra dawn ma jistgħux jimponu fuq ħaddieħor it-twemmin tagħhom. Għal din ir-raġuni referendum fuq id-divorzju mhuwiex demokratiku, għaliex iċaħħad dritt ċivili, jekk il-maġġoranza tgħid le.

Lanqas jekk elezzjoni tiġi miġġielda fuq din l-issue ma tkun elezzjoni ħielsa, għaliex tpoġġi pressjoni fuq l-partiti politiċi li jkunu qegħdin jikkontestaw, u nkunu qegħdin nerġgħu lura għas-sitwazzjoni tas-snin sittin tas-seklu l-ieħor.

Id-divorzju għandu jiġi ntrodott b'sempliċiment qari tal-liġi fil-parlament mingħajr ma jittieħed vot u jkun meqjus li għadda *nem kon*.

Vicdeg@yahoo.com

## Il-passjoni ta' Mordechai Vavunu

Mordechai Vanunu huwa bniedem li għadu jsofri l-passjoni kollha minħabba l-kuxjenza tiegħu u huwa xiehda ħajja tal-ħruxija tar-reġim Żijonista t'Iżrael.

Vanunu kien inġinier jaħdem f'faċilitá sigrieta ta' Dimona fejn l-Iżraeliti żviluppaw u bnew il-bombi atomiċi. Vanunu kixef dan il-fatt u nħataf mill-aġenti tal-Mossad waqt li kien Ruma. Ġie kkundannat 18-il sena ħabs u wara li ħareġ, tpoġġa taħt arrest fid-dar fejn għadu sal-lum u ma jistax jiftaħ ħalqu għax mill-ewwel jiġi kkastigat.

Iż-Żijonisti għandhom l-armi nukleari imma alla jbierek la l-Istati Uniti u lanqas l-Unjoni Ewropea ma tikkundannahom fil-waqt li jagħmlu sanzjonijiet kontra l-Korea, l-Iran u kull pajjiż li mhux qaddej tagħhom.

Ma ħadu ebda passi meta Vanunu nħataf f'Ruma. Immaġinaw x'kienu jagħmlu kieku kienu l-Palestinjani li ħatfu xi Lhudi fit-toroq ta' xi belt Ewropea! Sanzjonijiet, embargi u saħansitra invażjonijiet. Imma ż-Żijonisti jistgħu jagħmlu li jridu ... anke joqtlu.

Ħafna minnha jiftakru l-qtil f'Malta, f'Tas-Sliema, tal-Palestinjan Shahi. Ħadd ma tniffes. Ħadd ma kkundanna. Ħadd ma ħa passi kontra l-qattiela!!




# The US supports Israel's nuclear arsenal

**Sammy Camilleri**

Israel and United States Nuclear Hypocrisy is clearly evident when one realises the full extent of Israel's secret Dimona Nuclear Weapons Factory as well as the fact that Iran, unlike Israel, is a signatory to the Nuclear Non-Proliferation Treaty (NPT) and has been pushing for the removal of all weapons of mass destruction across the globe.

As the Obama Administration lays the ground work to isolate Iran economically from the rest of the world over that nation's nuclear program, don't forget that Iranian President Mahmoud Ahmadinejad has recently ordered Iran Foreign currency reserves, currently in US Dollars, to be held in Euros. Press T.V reports that, the order was issued on September 12, 2009 following a decision by the trustees of the country's foreign reserves.

An ominous reminder that shortly after Iraq announced the same move to oil payments in Euros versus dollars, the US invaded Iraq. The tide may be changing, in a surprise victory for Arab States, the UN Nuclear Assembly voted (September, 25) to urge Israel to accede to the Non- Proliferation Treaty (NPT) and place all atomic sites under UN inspections. Israel promptly promised not to co-operate, obviously with the full backing of the United States.

***Hypocrisy reigns supreme in the nuclear world.***

## Vanunu and Israel – The Dimona Nuclear Weapons Factory

Mordechai Vanunu, a former Israeli nuclear technician, completed his entire 18-year sentence in Israel's Ashkelon Prison on April 21, 2004, for blowing the whistle on his government's secret nuclear weapons program. Captured by Israeli agents on September 30, 1986, he spent more than 11years in solitary confinement.

Despite years of isolation in prison, Vanunu remains steadfast in his belief that what he did was necessary and right. The Israeli government still imposes severe restrictions on his movement and speech, including the condition that he is not allowed to leave the country or make contacts with the media.

## ABBONAMENT GAZZETTA ŻMINIJIETNA

***ISEM*** ____________________

***INDIRIZZ*** ____________________

***KODIĊI POSTALI*** ____________________

***Email*** ____________________

***Ghal sena (5euro)*** ***Sentejn (10euro)***

**Ibaghtuha f'dan l-indirizz: Żminijietna, c/o 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta. VLT1432.**

Editorjal

# Pilastri u pensjoni

Fil-ġimgħat li għaddew konsulent imqabbad mill-gvern iltaqa' u ddiskuta ma' għaqdiet u ndividwi biex iħejji rapport dwar ir-riformi li l-gvern irid jagħmel fis-sistema tal-pensjonijiet.

U qiegħed isir ħafna diskors dwar tliet pilastri, li huma msemmija anke fil-Green Paper dwar ir-riformi fil-pensjonijiet li ppubblikat l-Unjoni Ewropea.

Neħilsu mit-Tielet Pilastru. Dan jgħid li l-ħaddiema jistgħu iħallsu minn buthom għal assikurazzjoni privata biex meta jirtiraw ikollhom pensjoni privata. Ma noqgħodx insemmu li dawn il-pensjonijiet jiswew ħafna flus u l-istorja wrietna li mijiet ta' eluf ta' ħaddiema mhux biss ma ħadux pensjoni imma tilfu l-flus kbar li ħallsu għax fis-sistema kapitalista huwa faċli biex il-kumpaniji privati jfallu.

Imbagħad għandha l-Ewwel Pilastru li jgħid li l-istat irid jipprovdi pensjoni minima lill-ħaddiema. Li għadna ma nafux huwa kemm se tkun din il-pensjoni u kif se tiġi ffinanzjata. Jeżistu dubji kbar kemm din il-pensjoni se tkun biżżejjed biex wieħed jgħix diċenti meta jirtira wara snin twal ta' xogħol.

Jidher li l-għan huwa li din il-pensjoni tkun waħda verament minima biex il-ħaddiema ta' bil-fors jaċċetta u jidħlu fit-Tieni Pilastru.

U hawn is-sitwazzjoni għadha ferm imċajpra. Ħadd għadu ma jaf eżatt kif se jitħaddem it-Tieni pilastru. Li huwa żgur huwa li l-ħaddiem u s-sidien iħallsu biex jinħoloq fond tal-pensjoni.

Insomma dan huwa dak li qiegħed jiġri l-lum bil-ħlas lin-National Insurance. Imma mbagħad jinqalgħu il-mistoqsijiet.

Il-fondi tat-t-Tieni Pilastru min se jħaddimhom? Hemm min qiegħed jinsisti li dawn jitħaddmu mill-kumpaniji privati u l-istat jagħmel garanzija.

Tajba din! Il-kumpanija privati jieħdu l-flus tal-pensjonijiet, iħaddmuhom kif iridu, jagħmlu profitt kbir għalihom imma jekk ifallu, kif ġara sikwiet, l-istat - jiġifieri l-poplu - jkollu joħroġ il-flus biex jiżgura li l-ħaddiema jieħdu l-pensjoni.

Ma tridx tkun ġenju biex tara l-periklu ta' din is-sistema. Ħarsa ftit lura x'ġara u min irid aktar informazzjoni jindaga ftit l-istejjer ta' Enron, Robert Maxwell, Bernie Madoff u oħrajn.

Kapitalisti ħallelin u qarrieqa li serqu l-miljuni u l-biljuni fdati lilhom, ħafna minnhom fondi tal-pensjonijiet u ħallew lil miljuni ta' ħaddiema u 'small savers' bla pensjoni u bla ċenteżmu.

U ma dan il-periklu ta' kuljum, inżidu l-"moda" li jgħollu l-etá ta' meta ħaddiem joħroġ bil-pensjoni. Mhumiex kuntenti li ħaddiema ta' 60 sena li jkun qatta' 30 u 40 sena jitbagħal u jaħdem, jieqaf mix-xogħol u jgawdi ftit snin ta' mistrieħ.

Iriduh ikompli jaħdem sa 65 sena u anke 70 sena qabel joħroġ bil-pensjoni. Fi kliem ieħor iriduh li meta jieħu l-pensjoni ma jdumx jgħix ħafna.

Mhux aħjar li tibqa' s-sistema preżenti? Jekk hemm bżonn tiżdied il-kontribuzzjoni. Imma l-ħaddiema ikollu ċ-ċertezza li meta jieqaf mix-xogħol se jkollu pensjoni, u pensjoni li tippermettielu jgħix diċenti.

Fuq kollox il-flus tal-pensjoni ma jgħibux kif jagħmlu tal-kapitalisti ħallelin bl-evażjoni tat-taxxi u triks oħra.

Il-pensjonanti jonfoq flusu fl-ekonomija tal-pajjiż u b'hekk jgħin sew biex ir-rota tkompli ddur

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjeta' permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta' ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' 5 euros fl-indirizz: 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta.***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com*** **Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna**

# Lest nivvota biex jidħol id-divorzju

**Evarist Bartolo MP**

Bħala politiku bi twemmin soċjalista demokratiku nemmen li d-dħul ta' drittijiet ċivili ġodda f'pajjizna huwa parti mit-tweġibiet li rridu nagħtu għal mistoqsijiet diffiċli: F'hiex jemmen il-Partit Laburista fis-seklu 21? Kif nistgħu mmexxu lill-pajjiżna aħjar mill-PN u noħolqu l-kundizzjonijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali meħtieġa fil-gżejjer tagħna biex il-poplu tagħna jkollu kwalitá aħjar ta' ħajja? M'ilux li wasal iż-żmien li nieħdu passi ta' veru biex nersqu iżjed lejn l-iżjed soċjetajiet miftuħa u liberali fl-Unjoni Ewropea?

Jekk bħala PL ma nġeddux it-tradizzjoni tagħna li nkunu l-partit li jdaħħal riformi soċjali u liberali f'Malta ma nistgħux nagħtu tort lil dawk li jitilfu t-tama fina u li jarawna dell tal-PN, għax m'aħniex kapaċi noffru alternattiva għal numru dejjem jiżdied ta' persuni li jridu lis-soċjeta` tagħna tinfetaħ u ssir iżjed liberali u ġusta, taċċetta d-diversita` bħall-pajjiżi l-iżjed progressivi fil-bqija tad-dinja.

Kitbitli persuna li toqgħod tas-Sliema, li hija lokalita f'wieħed mid-distretti li nirrappreżenta fil-Parlament u b'ittri kbar wissietni: "OQGĦOD FERM ATTENT BĦALA MEMBRU PARLAMENTARI LI ĦADD MA HUWA AQWA MINN KRISTU ĠESU', ALLA VERU U BNIEDEM VERU. LE GĦAD-DIVORZJU. BIDU TA' DIŻASTRU TA' MALTA."

Wissietni li "KIEN HAWN ĦAFNA TAPARSI SALVATURI U ĦAFNA MINNHOM SPIĊĊAW TRADITURI."

Din il-persuna kitbitli dan il-kliem iebes qabel ma' l-Isqfijiet ħarġu jheġġu lill-membri tal-Knisja biex fid-dibattitu dwar id-divorzju ma jinfexxux f'xi kruċjata kontra dawk li huma favur id-dħul tad-divorzju. Ma nafx jekk il-kliem għaqli tal-Isqfijiet hux se jħalli l-effett mixtieq fuq persuni bħal dawk li kitbitli.

Jiena wieħed minn dawk li se nivvota favur id-dħul tad-divorzju f'Malta jekk ningħata l-opportunita` li nivvota dwaru jew fil-Parlament jew permezz ta' referendu. Żgur m'għandi l-ebda illużjoni li jien xi salvatur jew aħjar minn Kristu. Personalment m'għandix bżonn id-divorzju. Ilni miżżewweġ missena 1977, għadni ma' marti u t-tnejn li aħna biħsiebna mmutu bħala koppja miżżewġa lil xulxin.

Imma ma nistax nitradixxi lil dawk il-koppji li ż-żwieġ tagħhom falla u jixtiequ opportunita` oħra biex jibdew ħajja ġdida miżżewġa. Li ndaħħlu d-divorzju f'Malta ma jfissirx li se nimponuh fuq dawk li jridu jkomplu jgħixu skond it-tagħlim tal-Knisja Kattolika bħal dik il-persuna li kitbitli. Nemmen f'soċjeta` pluralistika u allura ħadd m'għandu jiddetta lill-Knisja Kattolika u lis-segwaċi tagħha x'jemmnu u kif jipprattikaw dak it-twemmin.

Nemmen f'soċjeta` miftuħa u demokratika fejn hemm separazzjoni bejn knisja u stat, fejn hemm il-liberta` għal dawk li jsegwu xi reliġjon u għal dawk li ma jsegwu l-ebda reliġjon istituzzjonalizzata. Waqt li kull reliġjon għandha d-dritt tgħid lis-segwaċi tagħha x'jemmnu u kif għandhom jgħixu, m'għandha l-ebda dritt timponi it-twemmin tagħha fuq oħrajn li ma jridux jgħixu marbuta bit-tagħlim tagħha.

Għandna wisq persuni li qed ibatu għax ma jistgħux jiddivorzjaw lokalment. Apparti milli nipproteġu lill-imsieħba li ż-żwieġ tagħhom falla u li ġew abbandunati bla ebda dritt ta' xejn, għandna bżonn ukoll nieħdu ħsieb it-tfal li jinqabdu f'dawn is-sitwazzjonijiet. Lil dawk li ż-żwieg tagħhom inkiser, għandna nagħtuhom il-possibilita` li jibdew ħajja ġdida.

Patri Charlo` Camilleri f'wieħed mill-aħjar artikli li nkitbu s'issa (u fi spirtu eqreb lejn dak li ddikjaraw li jixtiequ l-Isqfijiet) f'dan id-dibattitu jfakkar lil dawk il-persuni bħal dik li kitbitli, mimlija passjoni fanatika biex jiddefendu lill-Knisja Kattolika, li anki l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (CCC 2383) jirrikonoxxi li "jekk id-divorzju ċivili jibqa' l-unika possibilita` biex tiżgura ċerti drittijiet legali, il-kura tat-tfal jew il-protezzjoni tal-wirt, dana għandu jkun tollerat u m'għandux jitqies bħala xi offiża morali."

Minbarra li naħdmu favur id-dritt tad-divorzju nemmen ukoll li għandna ndaħħlu drittijiet ġodda biex persuni ta' orjentament sesswali differenti jkunu stmati daqsna lkoll.

Nemmen li għandna nsaħħu l-libertajiet tal-espressjoni u artistika u nneħħu ċ-ċensura fl-oqsma kulturali biex ikollna soċjeta` moderna li tinsab fid-dinja miftuħa tas-seklu 21.

## Żminijietna - Leħen ix-Xellug tifraħ lil ...

● ***Lill-mijiet ta' eluf ta' ħaddiema xprunati mix-xellug u mmexxija mit-trejd unjins li ħarġu fit-toroq ta' l-ibliet Ewropej f'turija ta' saħħa militanti kontra l-pjani tal-UE u l-gvernijiet kapitalisti li jridu jitfgħu il-piż tal-kriżi ekonomika maħluqa mill-banek u s-sidien tal-kapital fuq il-ħaddiema u l-pensjonanti.***

***Lill-General Workers Union f'Malta talli qegħda turi s-solidarjetá u tappoġġa l-ħaddiema f'din it-taqtiegħa.***

● ***Lill-President Ugo Chavez u l-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV) għar-rebħa elettorali li għamlu fejn il-poplu wera li jrid ikompli fit-triq soċjalista u anti-kapitalista.***

***Fl-aħħar elezzjoni, il-lemin kapitalista kien ibbojkottja l-elezzjoni u għalhekk il-PSUV kiseb maġġoranza enormi.***

***Imma meta r-riżultat ta' l-elezzjoni t'issa jitqabbel ma' dak ta' l-elezzjoni li l-lemin kien ikkontesta, jirriżulta li l-lemin ġab 20 inqas siġġu milli kellu.***
***F'din l-elezzjoni l-PSUV rebaħ 16 mit-23 stat tal-pajjiż.***

● ***Lill-Partiti tal-Ħodor fl-Awstralja, l-Ingilterra, l-Isvezja u pajjiżi oħra għas-suċċessi li kisbu fl-elezzjonijiet u fejn wieħed jinnota li fil-maġġoranza tagħhom dawn il-partiti qegħdin jagħżlu li jikkollaboraw mal-partiti tal-xellug jew iċ-ċentru xellug.***

# "Ħsibijieti minn dejjem kienu kontra l-inġustizzji li hawn fid-dinja" – Bianca Zammit.

Bianca Zammit mwielda tas-Sliema u toqgħod Raħal il-Ġdid, bdiet bħala attivista ma' l-Moviment Graffitti. Kont nħaddan politika xellugija favur il-ġustizzja soċjali. Immilitajt f'diversi għaqdiet favur id-drittijiet tan-nisa u dawk żvantaġġati. Dħalt ukoll naħdem ma' l-Għaqda mid-Dlam għad-Dawl fejn hemmhekk kont nżur il-priġunieri u norganizza attivitajiet għall-familji tal-priġunieri.

Ix-xewqa li naħdem ma' l-ħabsin kienet ġejja mill-fatt li nikkonsidra "*l-ħabsin bħala vittmi ta' sistema. Nemmen li hi sistema li tikkrejhom. Jekk hemm il-ħabs, ifisser li rridu nies biex joqgħodu fihom.*"



***X'wasslek li tiġġieled għall-kawża Palestinjana?***

Għamilt żmien fi 2001 fejn kont naħdem ma' Refuġjati mill-Afganistan f'Malta. Bdejt ninduna dwar kemm ir-realtajiet huma differenti minn dak li nisimgħu, u minħabba f'hekk kont mort l-Inghilterra nistudja għall-'*Masters in International Conflict Resolution'*, iktar minn lat teoretiku, xi jwassal għall-kunflitti, is-sistema kapitalista, u x'soluzzjonijiet hemm għall-paċi. It-Teżi mbagħad kont għamiltha fuq l-kwistjoni u l-konsegwenzi ta' l-emigrazzjoni fl-Ewropa, dwar il-kunċett u ħsieb ta' '*Fortress Europe'* li żgur li din ma' tgħinhomx. Li osservajt hu li fil-verita ħafna mill-Gvernijiet ta' ċentru lemin u ċentru Xellug jużaw lingwaġġ ħafna aktar gravi minn Partiti ta' lemin estrem . Nemmen li l-bidla favur wiċċ aktar uman għall-problema ta' l-emigrazzjoni jistgħu jġibuha biss l-organizzazzjonijiet ċivili u refuġjati nfushom, billi jieħdu l-inizjattiva. Nemmen li l-Gvernijiet, mhuwiex fl-interess tagħhom li jsolvu l-problema ta' l-emigrazzjoni. Il-'*Migrants Network for Equality'* li twaqqaf dan l-aħħar f'Malta huwa mudell tajjeb biex tgħin lill-komunita refuġjata. Fl-Inghilterra dawn jsejħulhom '*Community Refugee Organisations'* li xogħolhom hu li jgħinu lill-Refuġjati jintegraw.

***Kif spiċċajt il-Palestina u kif tara l-problema llum?***

Spiċċajt il-Palestina bħala attivista umanitarja u favur id-drittijiet umani. Il-mument li ddeċidejt li mmur kien meta ħarget l-aħbar tal-massakru ta' tfal mill-militar Iżraeljan bil-bombardament fuq skejjel pubbliċi fl-2008. Il-bombi rriżulta li kienu jikkontjenu *'l-fosforu abjad',* fejn ammont ta' tfal nħarqu ħajjin u sa llum ħafna oħrajn għadhom qed jbatu l-konsegwenzi ta' din il-kimika. Fi Frar ta' 2009 inghaqad ma' '*International Women Peace Service'* ġewwa West Bank f'post jismu Salfit, l-fuq minn Ramallah. Iż-żona hi waħda perikoluza.

"K*ull jum jew jumejn jidħlu suldati Iżraeliti biex jarrestaw nies u tfal, bl-iskuża li tfal tefgħu xi ġebel lejn il-militar iżraelit." X*ogħolna kien li aħna mmorru fejn imorru l-militar biex jekk jkunu vjolenti nwaqqfuhom anka meta jkunu ser jarrestaw xi tfal. Il-polpu palestinjan kien jirrikonoxxi xogħol tagħna, għalfatt li kienu jgħidulna, li kieku ma kienx hemm intom konna niġu stmati u trattati agħar. Jiena stess rajt quddiem għajnejja xeni ta' militar iżraelit jkisser nkwadri tal-familja, mingħajr sens ta' raġuni u anka affarijiet attribwiti ma' l-Islam, sa anka televixin. Il-volontiera l-oħra mieghi kienu ġejjien mill-Ġappun, l-Inghilterra u l-Montenegro.

***Kif spiċċajt Gaża?***

F'Mejju ta' 2009 ġejt Malta għal ħames t'ijiem u erġajt mort direttament lejn Gaża naħdem ma' '*International Solidary Movement'.* Ix-xogħol li kont nagħmel, kien l-istess xogħol li kont nagħmel ma' '*women peace service'.* Domt Gaża sena u tlett xhur. Il-militar Iżraelit stazzjonat ma' l-fruntiera ta' Gaża, f'ċertu mumenti kien jaqbad u jidħol f'Gaża bil-gafef u tankijiet tal-gwerra, kif ukoll jaqbad jibbumbardja djar palestinjani bl-ajru. Mill-bidu ta' din is-sena assedjaw għoxrin dar, fejn il-familji kellhom jaħarbu mid-dar u jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom. Gaża hi ħabs kontinwu.

***Rajt effetti ta' l-Embargo?***

Ħafna min-nies li ntlaqtu mill-fosforu abjad, sa llum ma' hemmx kura għaliha, u wara ċertu żmien imutu bil-kontaminazzjoni. Ħafna nies oħra ma' għandhomx aċċess għall-medicina bażika biex ifiequ, li lkoll jispiċċaw imutu b'xi nfezzjonijiet. 80 % ta' l-ikel jiġi mill-Ġnus Magħquda u l-bqija jgħaddi baxx baxx mit-tunnels. Il-lukandi li hemm f'Gaża llum huma utilizzati mill-ġurnalisti u delegazzjonijiet nternazzjonali, li ta' dan jħallsu prezz tajjeb.

Wara l-assedju ta' Iżrael fuq Gaża fl'2007, in-nies tilfu ħafna mix-xogħol. Infatti malli wasalt Gaża, l-Iżrael impona liġi fuq il-poplu palestinjan, permezz ta' twaddib ta' '*leaflets*' bl-ajru li tgħid li ebda persuna ma jista' jersaq sa 300 metru ma' l-fruntiera u jekk jersaq jkun suġġett għal sparar fuqu. B'din il-liġi bdiewa ma' setgħux jkomplu jaħdmu l-art. Din il-liġi saret bi vjolazzjoni ta' liġi nternazzjonali li tgħid li fruntiera għandha tkun biss ta' 50 metru fuq kull naħa.

***Kif irreaġixxew in-nies għal din l-inġustizzja?***

In-nies irreagixxew b'mod kollettiv, b'għaqdiet tan-nisa u oħrajn mis-soċjeta ċivili, Partiti Komunisti, fosthom FPLP u oħrajn Xellugin jorganizzaw mixjiet u dimostrazzjonijiet mal-fruntiera sabiex jikkontestaw din il-liġi ngusta. Il-biża tagħhom ġej ukoll mill-fatt li żona ta' 300 metru tista' tiġi estiża. L-għan kien li juru disapprovazzjoni tagħhom, kif ukoll b'simbolu li jenfasizza l-għlieda għal arthom, jitpoġġew bnadar Palestinjani, viċin il-fruntiera.

***U int ipparteċipajt fihom?***

Jien ħadd sehem f'kull dimostrazzjoni u mixjiet kontra din il-liġi ngusta. F'Gaża dawn il-mixjiet bdew jiġu organizzati minn Jannar ta' din is-Sena. Fi 30 ta' Marzu, magħruf bħala *'Land Day - il-jum għad-dritt ta' l-art Palestinjana'* tħejjew sitt dimostrazzjonijiet, fejn 4 attivisti palestinjani ntlaqtu f'riġlejhom.

***U int intlaqat waqt waħda minn dan id-dimostrazzjonijiet?***

Iva, jien intlaqt f'saqajja, il-ġurnata kienet 24 ta' April. Kienu sparaw fuqi u tnejn oħra palestinjani. Wieħed laqtuh f'riġlejh u l-oħra f'żaqqa. Riċenti sirt naf li l-persuna li kienet milquta f'żaqqa ser tiżżewweġ. L-*'snipers'* kienu jagħżlu huma fuq minn jisparaw u mhux jisparaw direttament fuq il-folla. Niftakar l-ewwel stqarrija li ħarġet fil-midja nternazzjonali mill-militar Iżraelit kienet li sparaw fuq tlett palestinjani. Meta l-każ jinvolvi biss attivisti jew persuni palestinjani ma' tinħareg l-ebda stqarrija li tgħid li ntlaqtu jew inqatlu xi nies. Niftakar li f'jum il-'Land Day' l-ebda stqarrija ma' ħarget peress li l-attivisti milquta kienu lkoll palestinjani u mhux internazzjonali.

Diversi nies palestinjani jintlaqtu kontinwament bi '*dam dam bullets' – explosive bullet' u* jmutu fil-post. Niftakar li tifel ta' 8 snin kien miet fil-post waqt waħda mid-dimostrazzjonijiet. Ħafna mid-djar viċin il-fruntiera spiċċaw mhux abitabbli ħabba f'hekk.

***Kien hemm Lhud jiddimostraw magħkom?***

Iva, nfatti ma' *International Solitary Movement* u movimenti oħra kien hemm fosthom li kienu Lhud, imma joqgħodu f'pajjizi Ewropej, li jemmnu fil-kawża Palestinjana. Il-Poplu Palestinjan japprezza ħafna dan il-ġest, ta' dawn l-attivisti Lhudin.

***X'taħseb fuq il-qtil riċenti ta' Attivisti Torok f'ibħra nternazzjonali?***

Jien ma' għandhiex fiduċja fl-inkjesta interna li għamel l-Gvern Iżraelit meta l-istess kumitat ta' inkjesta huma lkoll 'zionisti, iġifieri ma' kontx qed nistenna verdett aħjar. Il-verdett kien ko-erenti ma' dak li ddikjara ftit qabel il-Gvern Iżraelit, li ser jittieħdu passi iebsa jekk xi vapur bl-attivisti jersaq lejn Gaża. L-Unjoni Ewropeja ma' għamlet xejn f'dan ir-rigward, l-istess bħalma ġara wara l-attakk minn Iżrael fejn tfal spiċċaw nqatlu u nħarqu *bil-'fosforu abjad'*.

***X'inhu l-ħsieb tiegħek għall-futur qarib?***

Il-ħsieb tiegħi u li nqajjem aktar kuxjenza fuq il-kawża Palestinjana, permezz ta' filmati dwar il-ħajja fil-Palestina. Ser nitratta wkoll l-appoġġ jikber ta' solidarjeta mill-movimenti u attivisti oħra Ewropej lejn il-Poplu Palestinjan ġewwa Gaża. X'speċifikament lejn il-*Moviment Non Vjolenti* li qed jikber ta' kull jum ġewwa Gaża kontra l-okkupazzjoni, fejn qed jikkontestaw il-politika ta' okkupazzjoni Iżraeljana. Dan il-moviment qed jorganizza ruħu f'kull post b'kumitat distrettwali fejn bħala protagonisti nsibu il-Partit Komunista (PFLP), fejn Leila Khaled magħrufa bħala *Che Leila* (mwielda fi 9 ta' April 1944) hija membru ta' dan il-Front Komunista għall-Liberazjoni ta' Palestina. Nsibu wkoll diversi għaqdiet tan-nisa, bdiewa, ta' drittijiet umani, soċjali u oħrajn xellugin. Parti mill-kampanja ta' dan il-Moviment hi '*stop the bullet against civilians campaign'*, sabiex jitwaqqaf il-qtil ta' nies ċivili. Sit <*http://mindcon.wordpress.com_ stop the info war against civilians*>

"Beħsiebni wkoll nerġa mmur Gaża sabiex nkompli fil-ħidma umanitarja u favur il-ġustizzja soċjali".

***X'taħseb li hi soluzzjoni għall-Palestina?***

*'Two state solution'* nemmen li hi mpossibli li tintlaħaq peress li Iżrael qed jeħu l-miżuri kollha biex din ma' tintlaħaqx. In-nies fil-Palestina tant qed jaraw tbatija u huma għajjenin li m'għandhomx fiduċja li xi darba jinstab kompromess. Nixtieq li nara l-ġustizzja ssir u l-Palestina jkollhom lura arthom.

**Ritratt: Bianca Zammit waqt il-ħidma tagħha mal-Palestinjani f'Gaża**

# "L-AD hu l-partit tal-ħaddiema, tal-minoranzi u l-ġustizzja soċjali u ekoloġika"

ta' grupp wieħed biss, jista' jkollok anomaliji bħal dawn. Il-politika saret kumplessa ħafna, u ma tistax tgħid jien nappella għall-ħaddiema jew għall-klassi tan-nofs biss. Hemm identitajiet diversi. Din tagħmel l-isfida għall-politiku aktar diffiċli.

*Teżisti l-impressjoni li l-AD hu partit li l-uniku territorju li hu marbut miegħu hu dak tad-distrett ta' Tas-Sliema. Hemm il-ħsieb li l-partit jipprova jrabbi għeruq f'distretti oħra?*

Naħseb li l-Alternattiva aktar għandha ċansijiet elettorali fid-disa' distrett, milli f'dak ta' tas–Sliema. Jien u l-eks leader Harry Vassallo, t-tnejn minn Tas-Sliema, u anke Arnold Cassola għandu għeruq Slimiżi. Għalhekk nafu d-distrett sew. Minkejja li hi belt kosmopolitana, f'Tas-Sliema ħafna mill-elettorat hu konservattiv; kemm f'dik li hi ekonomija u kemm soċjalment u kulturalment. Hemm limitu għalhekk ta' kemm l-AD tista' iġġib voti hemm.

Iva. L-Alternattiva qed nippruvaw inrabbu għeruq f'distretti oħra. Meta jien sirt Ċerpersin, kienet waħda mill-affarijiet li shaqt li għandna nagħmlu. Biex tagħmel dan madankollu, hi aktar faċli tgħidha milli twettaqha. Partit li għandu riżorsi limitati irid ikollu l-prijoritajiet tiegħu. Qed nippruvaw nespandu f'reġjuni li m'humiex dawk tat-Tramuntana. Madankollu, wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Alternattiva l-aktar li għandha ċans tiġi eletta hi fit-Tramuntana. Dan mhux qed ngħidu biex infarfar ir-responsabiltà min-Nofsinhar ta' Malta. Hawnhekk ta' min isemmi li membru ewlieni tal-AD, Carmel Cacopardo, ġie ppremjat mill-Kunsill ta' Birżebbuġa għall-ħidma li qed jagħmel għar-residenti ta' dan il-lokal. Ġa wkoll għandna ċerti kandidati f'moħħna għan-Nofsinhar tal-pajjiż. Anke din iż-żona ta' Malta hi f'moħħna, anke għaliex, jekk nieħdu l-qasam tal-Ambjent, in-naħa t'isfel ta' Malta hi dik li hi l-aktar milquta minn numru ta' problemi bħal dawk ta'ċerti dħaħen (issa ser ikun hemm ukoll żieda ta' emissjonijiet mill-power station ta' Marsaxlokk), biex ma nsemmux ċerti problemi t'esklużjoni u ta' faqar. L-isfortuna, kif għidt, hi li r-riżorsi huma limitati.

*L-Ambjent hu wieħed mit-temi li l-elettur jassoċja mal-AD. Problema kbira marbuta ma dan il-qasam hi dik tal-bini bla rażan li qed jeqred lil ambjent ta' pajjiżna. Min-naħa l-oħra, bit-tnaqqis kbir fil-qasam tal-manifattura, l-industrija tal-bini hi waħda mill-ftit li fadal li huma 'labour intensive'. X'jipproponi l-partit tiegħek biex mhux biss ikun imħares l-ambjent, imma ikun hemm alternattivi realistiċi ta' xogħol għal dawk li jaħdmu f'din l-industrija?*

Biex nibdew, tajjeb ngħidu li s-settur tal-bini jista' jaħdem b'mod sostenibli, ngħidu aħna billi jsir enfasi fuq l-irranġar ta' djar aktar milli fuq il-bini ta' djar ġodda. Hemm djar li jistgħu jiġu rinnovati, imma li sfortunatament qed jaqgħu biċċiet. L-Alternattiva, bħal partiti ħodor Ewropej u numru ta' trade-unions, qed nipproponu il-'Green New Deal', fejn qed ngħidu li jista' jinħoloq xogħol, inluż xogħol li hu '*labour intensive*', li jkun kemm soċjalment u ekonomikament, imma anke ekoloġikament, sostenibli. F'dan ir-rigward il-Parlament Ewropew għadu kemm approva riżoluzzjoni mressqa minn MEP tal-ħodor. Biex nieħdu eżempju prattiku, Malta għandna problema kbira fl-immaniġjar tal-iskart. Dan ma jinvolvix biss li tiġbor iż-żibel. Jinvolvi wkoll inġinerija, riċerka u affarijiet bħal dawn. L-istess dwar it-trasport pubbliku. Malta għadha lura ħafna f'dan il-qasam, minkejja li ġejja riforma li għad irridu naraw kif ser tkun. L-informatika hu qasam ieħor li jista' joħloq ħafna xogħol, ngħidu aħna f'reġjuni bħal Għawdex, li jista' jsir '*hub*' u tiġi eliminata l-insularità li normalment din il-gżira tbati minnha. Hemm setturi oħra. Seta' sar xogħol simili fix-shipyards, fejn dawn setgħu ddiversifikaw fil-manifattura ta' *solar panels* jew karozzi tal-linja ekoloġiċi.



Li jista' jkun hemm għażliet favur l-ambjent li jkunu ekonomikament vijabbli hi ħaġa li mhux qed ngħidha jien, imma qed jgħiduha diversi esperti, bħal fir-rapporti tal-'*Green European Foundation*', li jsostnu li hemm bosta xogħol minn dan it-tip li jista' jinħoloq.

Ovvjament, irid ikollna saqajna mal-art. Hemm ċertu ndustriji li ma jistgħux jeżistu, u mhux qed ngħid għal Malta biss, imma globalment. Ħu l-industrija tal-armi. Din toħloq ix-xogħol, imma hu tajjeb li din teżisti? Ħdejn Malta ser ikollna *Oil Rig*. Din toħloq ix-xogħol. Imma hi din ħaġa tajba, meta wieħed iqis ir-riskji li hemm? Ix-xogħol hu mportanti u għandu jkun prijoritá. Imma mhux xogħol li jagħmel ġid għal sena u dannu għal bosta snin. Għalhekk irridu nitkellmu dwar żvilupp sostenibbli. L-ekonomija, l-ekoloġija u l-aspett soċjali għandhom jimxu alenija ma' xulxin.

*F'temi bħal Ambjent u d-divorzju l-AD, kien prekursur ta' dibatti li l-partiti l-oħra għal bidu kienu jaħarbu, u li issa b'xi mod kellhom jidħlu fihom. Liema huma t-temi l-ġodda li l-AD beħsiebha tippreżenta fix-xena politika Maltija fil-futur?*

Hemm numru ta' oqsma li fihom il-partit għadu prekursur. Ngħidu aħna, f'dak li għandu x'jaqsam ma' drittijiet ta' l-omosesswali. Hemm oqsma oħra li fihom l-AD saret l-uniku partit li jitkellem dwarhom, ngħidu aħna il-ġustizzja soċjali. Din hi tema li nħoss li l-Partit Laburista m'għadhiex wisq għal qalbu, minħabba li lanqas għandu l-kuraġġ jgħid affarijiet bħal li għandha togħla l-paga minima jew li jappoġġja 'EU *working time directive*' minkejja li l-Unjins kollha fl-Ewropa u l-Partiti tax-Xellug kollha jappoġġjawha. Inħoss li fuq temi tax-xellug hu l-Alternattiva biss li għadha titkellem.

Int semmejt id-divorzju u l-ambjent. Ma naħsibx li l-partiti l-oħra qed verament jitrattaw dawn it-temi. Fuq id-divorzju ħadd m'għandu l-kuraġġ li jitkellem favur dan id-dritt. Fil-PN kien deputat wieħed, Jeffrey Pullicino Orlando li kellu l-kuraġġ jipproponi liġi, u dan tajjeb ngħid wara li aħna konna ktibna lill-membri tal-parlament u ppreżentajnielhom l-istess liġi li ppropona hu, u li hi bażikament hi dik li hemm fl-Irlanda. Il-Partit Laburista, min-naħa l-oħra, nħoss li qed jidħaq bin-nies. Joseph Muscat seta' jagħmel '*private members bill*', u dan m'għamlux. Biex issa Pullicino Orlando ħadlu t-tapit minn taħt saqajh. Barra minn hekk, ma kienx kapaċi jikkonvinċi lill-partit tiegħu jieħu pożizzjoni serja dwar din il-kwistjoni. Fil-Partit hemm numru ta' membri li huma b'mod ċar kontra d-divorzju.

L-istess dwar l-ambjent. Kif jistgħu ż-żewġ partiti ewlenin jittieħdu bis-serjetà meta huma ffinanzjati mill-kuntratturi l-kbar? Wieħed jista' jistaqsi, min bena l-kwartieri tal-PN, jew jistaqsi għalfejn ħadd miż-żewġ partiti ma kkritika lill-Midi li f'Tigne tefa' materjali tal-bini l-baħar, weħel multa mill-MEPA ta' 4 miljuni, u ħa maħfra ta' 3 miljuni. Dan hu fatt li aħna biss ikkritikajna, u ħadd mill-partiti l-kbar. Għalhekk ma jistgħux jittieħdu bis-serjetà, anke meta nitkellmu dwar tibdil fil-finanzjament tal-partiti.

*Fil-passatt l-AD kien jiġbed numru ta' voti ta' protesta; ta' dawk li huma diżillużi bil-partiti 'mainstream' u li jridu bidla fis-sistema politika. Madankollu, fl-aħħar elezzjoni bosta minn dawn mid-dehra ppreferew ma jivvutawx. X'ser jagħmel il-partit biex ferġa' jibda jidher bħala tassew alternattiva għal dak li hemm?*

Din hi sfida kbira għall-Alternattiva, u nixtieq li għandi soluzzjoni hawn, imma m'għandhiex. Irridu nikkonvinċu lil dak li jkun li jekk hu jew hi huma diżillużi bil-politika, għandu arma li hi l-vot u li din għandha tintuża. Inutli tgerger u ma tagħmel xejn. Jekk ma tivvotax ser tħalli kollox kif inhu.

Madankollu, hemm fenomenu ieħor li deher ħafna fl-aħħar elezzjoni, fl-elezzjoni tal-Ewropa u dawk tal-kunsilli lokali, votanti, l-aktar nazzjonalisti, li jew ma vvutawx biex jagħtu messaġġ lill-partit (minħabba li l-partiti huma eżenti mid-data protection law fejn jistgħu jżommu nformazzjoni fuq il-persuni, u jniżżlu minn minghalihom hu magħhom u minn mhux). Dawn in-nies jagħmlu dan biex jirrikattaw u jkunu jistgħu jittallbu pjaċir. Hemm madankollu votanti Nazzjonalisti li, bħala protesta kontra t-tmexxija tal-PN, jivvutaw lil ribelli fl-istess partit. Din hi ħaġa li batejt minnha fl-aħħar elezzjoni tal-kunsill lokali ta' Tas-Sliema, fejn permezz tal-influwenza ta' Robert Arrigo, li dak iż-żmien kien ribell fil-partit tiegħu, tela' Nikki Dimech, bil-konsegwenza li issa donnu hemm fazzjonijiet u alleanzi strambi fil-kunsill.

Hawnhekk nerġa' mmur għal dak li għidt l-ewwel. Jekk trid il-bidla ivvota għall-bidla. Inutli tivvota għall-partit li ġabek fil-qagħda li qiegħed fiha, u hu inutli ma tivvutax. Ser iżżom l-*istatus quo*.

Hemm min madankollu jgħid li għandek tagħżel l-anqas ħażin bejn tnejn li għandhom ċans jirbħu?

Il-mistoqsija hi, hemm illum l-anqas ħażin, meta għandek partit fil-gvern u partit fl-oppożizzjoni li donnu jrid isir fotokopja ta' dak fil-gvern? Jekk taqra bejn il-linji tal-kitbiet ta' ċerti ħassieba qrib il-PL tinduna li dawn kull ma jridu hu li l-partit tagħhom ikun Partit Nazzjonalista ieħor. L-uniku differenza li ser ikun hemm jekk il-PL ikun waħdu fil-gvern hi l-bdil ta' ċertu kuntratturi li jieħdu t-tenders, u lanqas dik għax bosta jiffinanzjaw lit-tnejn. Innota kif illum, taħt Joseph Muscat, ċertu kuntratturi kbar m'għadhomx jiġu kkritikati, waqt li bid-difetti kollha li kien hemm, sa ftit ilu, meta kien għad hemm Alfred Sant, dawn kienu jaqilgħu bosta kritika?

*X'inhi l-pożizzjoni tal-AD dwar ix-xogħol prekarju u l-abbuż mill-part-timers?*

Jekk wieħed jara l-istqarrijiet tal-AD, jinduna li spiss aħna tkellimna dwar ix-xogħol prekarju. Wieħed jista' jara dak li ngħidu fil-MUESAC, fejn aħna l-uniku partit li jitkellem b'mod ċar dwar ix-xogħol prekarju. U fuq ċertu issues, m'aħniex biss l-uniku partit, imma l-unika għaqda, għax l-unjins Maltin – kuntrarju għal dawk Ewropej – mhux kollha jaqblu li f'pajjiżna tidħol *'working time directive'*. Aħna per eżempju, ilna ngħidu li għandha togħla l-paga minima, mhux biss għal min hu *full-timer*, imma wkoll togħla pro-rata għal min jaħdem *part-time*. Aħna nitkellmu b'mod ċar dwar żieda fil-'*maternity leave*', anke biex inkunu ġusti, fuq din l-issue il-PL iċċaqlaq ftit.

Dwar ix-xogħol, tkellimna ħafna fuq il-ħaddiema li huma sfruttati, inkluż dawk emigranti. Hawnhekk jiddispjaċini ngħid li fl-aħħar elezzjoni għall-Parlament Ewropew iż-żewġ partiti l-kbar għamlu skandlu nazzjonali, jippruvaw jikkompetu bejniethom min hu l-aktar xenofobiku. Aħna konna lesti nitilfu l-voti għax għidna li immigranti għandhom jiġu trattati bħan-nies. Għax għidna hekk, tlifna l-voti. Imma nippreferu nitilfu l-voti u nkunu ta' prinċipju. Jekk il-PL qed ibigħ ruħu biex jiġi elett akkost ta' kollox jagħmel hu. Jekk il-PN, bil-Kristjaneżmu kollu li jiftaħar bih, jibni kampanja elettorali billi jbeżża' bl-emigranti, jagħmel hu. Aħna mhux lesti naqgħu għal dan.

*Il-qasam tas-saħħa hu qasam fejn donnu morna lura erbgħin sena; qasam fejn il-kwalita tas-servizz b'xejn marret lura tant li bosta qed ikollhom iħallsu mhux b'kapriċċ imma biex jinqdew sew b'mod raġonevoli. X'jaħseb il-partit tiegħek dwar dan?*

Dan hu qasam għal qalbna, u s-sena l-oħra, meta l-gvern ppropona '*white paper dwar il-kura primarja*', konna minn tal-ewwel li bgħatna l-proposti tagħna. Aħna nemmnu li s-saħħa għanda tkun dritt bażiku u universali, irrispettivament mill-qliegħ ta' dak li jkun.

Jien ma naqbilx li s-saħħa b'xejn għandha tkun biss għal min jaqla' ftit. Jekk jiġri hekk ser ikun hemm aktar antagoniżmu kontra n-nies bi qliegħ baxx. Tibda d-diska li 'jien qed inħallas it-taxxa għal ħaddieħor'. Ser tinħoloq stigma, li bl-istudju tal-poltika soċjali, nafu l-effet qawwi tagħha. Ta' min jinnota li f'Malta hawn diskriminazzjoni mhux biss jekk tista' tħallas aktar, imma anke jekk int inxurjat. Mhux għax aħna kontra min hu inxurjat, imma għax min hu nxurjat jista' jaqbeż ċertu kjuwijiet, u dan mhux sewwa għal min mhux.

Irridu insemmu wkoll fattur ieħor, il-bżonn li tiġi miġġielda l-ħela. Din hemm bżonn li tkun imrażżna. Sfortunatament, meta kien hawn min ried jikkontrolla l-ħela qam infern politiku u ma sar xejn. Il-ħela trid tkun ikkontrollata, imma mhux li bl-iskuża ta' dan jitnaqqru d-drittijiet tal-ħaddiema. Is-saħħa

*(ikompli f'paġna 7)*

# ‘L-ordni Ġdida Mondjali’

- Lino Vella

Grazzi għall-kompjuters u r-rivoluzzjoni teknoloġika, is-swieq finanzjarji li joperaw mill-uffiċċji tagħhom u ma jwieġbu lil ħadd ħlief lilhom infushom, qed jimponu l-liġijiet u l-viżjoni ideoloġika tagħhom fil-pajjiżi kollha tad-dinja.

Il-globalizzazzjoni hija sempliċiment l-estensjoni totalitarja tal-loġika tas-suq finanzjarju fl-aspetti kollha tal-ħajja. Meta darba, l-istat u l-gvernijiet kienu fil-kmand ta’ l-ekonomiji, issa qed naraw li l-ekonomija qed tigi pjuttost ‘tele-komandata’ mill-loġika bażika tal-poter finanzjarju bbażat fuq l-ideologija tal-kummerċ ħieles.

U barra minn hekk, din il-loġika approfittat mill-iżvilupp u l-progress tat-telekomunikazzjoni sabiex tippossjedi kull aspett ta’ l-attività soċjali. Waħda mill-ewwel vittmi tagħha tkun l-ekonomija ta’ l-istat. Waħda mill-bażijiet fundamentali tal-qawwa ta’ l-ekonomija kapitalista moderna hi s-suq internazzjonali, li hija meħuda mill-artillerija qawwija ta’ l-ekonomija globali finanzjarja. Il-kapitaliżmu internazzjonali modern jirrendi l-ekonomija ta’ l-Istat bħala waħda obsolita u effettivament kissret kull poter pubbliku u wasslitu għal estinzjoni. Eżempju ta’ dan huma servizzi pubbliċi fil-qasam soċjali li qed jingħataw f’idejn il-privat, iż-żieda fl-eta tal-pensjoni u l-probabilita li *‘second pillar pension’* tingħata f’idejn il-privat.

Id-daqqa kienet tant brutali li l-istati sovrani tilfu l-qawwa li jiddefendu l-interessi taċ-ċittadini tagħhom. Dak li akkwista l-ħaddiem matul il-gwerra l-bierda, l-ordni globali ġdida, ġabitu fi xejn, bħala riżultat ta’ l-isplużjoni neo liberali.

Din is-sistema moderna kapitalista qed tieħu mhux iktar minn ftit minuti sabiex kumpaniji, banek u stati jiddikjaraw falliment, mhux għax huma mgħarrqa mill-irjieħ tal-rivoluzzjoni proletarjana, iżda mill-vjolenza ta’ l-uragani tal-finanzi mondjali.

F’din l-ordni ġdida mondjali, il-politika ta’ l-organizzazzjoni ta’ l-Istat, m’għadiex teżisti. Issa l-politika qed isservi biss sabiex titmexxa l-ekonomija tas-suq ħieles, fejn il-politiċi huma sempliċement għas-servizz tal-kumpaniji.

Il-mexxejja ġodda mondjali, ma’ għandhom l-ebda ħtieġa li jiggvernaw direttament. Il-Gvernijiet Nazzjonali ħadu r-rwol sabiex jmexxu għan-nom ta’ l-kumpaniji. Din tagħti spjegazzjoni ta’ x’inhi l-ordni ġdida mondjali, unifikazzjoni tad-dinja f’suq globali wieħed. L-Istati huma sempliċiment intrapriżi mal-maniġers fejn joħrog aktar ix-xebħ għal xi stabbiliment kummerċjali minn xi entita politika. L-unifikazzjoni prodotta minn neo liberaliżmu hija waħda ekonomika; ta’ suq planetarju ġgant fejn il-prodotti u servizzi biss jiċċirkolaw liberament, u mhux in-nies.

“Infatti dawk li jfittxu ażil ekonomiku mill-Messiku mhumiex permessi li jaqsmu l-fruntiera ma’ l-Istati Uniti, fejn ħafna minnhom jiġu mibgħuta lura, oħrajn jintefgħu l-ħabs u oħrajn maqtula fil-post mill-gwardji li jinsabu stazzjonati fiż-żona tal-fruntiera”, din ġiet espressa fil-ktieb Biografiku ta’ l-istatista Kuban Fidel Kastro bi kritika għall-politika Amerikana.

Il-Neo liberaliżmu jimponi l-qerda ta’ nazzjonijiet u ta’ gruppi ta’ nazzjonijiet sabiex jikkonformhom f’mudell wieħed. L-ordni ġdida dinija, fejn neo-liberaliżmu qed jeħodha kontra l-umanità, hija l-agħar u l-iktar sistema krudili li qatt dehret.

# A Direction for Gender Development

Gender is a key development issue. It’s interconnected and multifaceted dimensions relate to opportunities, capabilities, security, and empowerment. Therefore, gender equality and women’s empowerment are human rights that lie at the heart of development and the achievement of the Millennium Development Goals. That is why UNDP (*United Nations Development Programme*) integrates gender equality and women’s empowerment in its four main areas of work: poverty reduction, democratic governance, crisis prevention and recovery, and environment and sustainable development.

Equality between men and women was also part of the European project from the beginning, with a clause on equal pay written into the Treaty of Rome signed in 1957. The Treaty of Amsterdam (1999) includes equality between men and women among the objectives of the EU. The Charter of Fundamental Rights of the EU (2000) sets out the principle of gender equality in all areas and includes a number of provisions whose aims are to promote equality between men and women.

According to the 3rd Millennium Development Goal, i.e., ‘promote gender equality and empower women’, we are expected to end poverty by 2015, or at least can try to make it happen. Worldwide, women are entering a greater variety of political leadership positions. As of January 2009, women reached the highest parliamentary position-presiding officer-in 31 parliamentary chambers. During 2008, women took up the post of speaker for the first time in Pakistan, Romania, Serbia and Uzbekistan. There were 15 women serving as heads of States in March 2009 compared to 9 in 2000.

Yet, Malta is placed at the bottom of the list of 27 EU member states when it comes to women’s rights and gender equality, according to a report, *‘EU Member States Under the Spotlight, Incorporating Human Rights into Investment Strategy: 2010 Non-Financial Rating of the 27 EU Member States’*; issued in May 2010, by the International Federation for Human Rights (FIDH). Set up in 1922, FIDH is a federation of 116 human rights organizations in nearly 100 countries, coordinating and supporting their activities and providing them with a voice at international level.

FIDH claims to be “linked to no party, no religion, and is independent vis-à-vis all governments.” The study strived to evaluate EU Member States’ performance in the human rights arena.

It was reported that Malta offers better social security benefits, a higher quality of education, better work and employment rights, union rights and an adequate and respectable standard of living than 14 other EU member states. But why then was Malta reported to have the lowest percentage of women in its national parliament, the lowest percentage of women in the country’s judiciary system and the lowest percentage of women in administrative positions in ministries and government departments?

It would be wrong to assume that Member States’ national Governments are all enthusiastic feminists. EU gender policy has been both an inspiration and a disappointment, as the readings of the above mentioned report suggests. Over the last three decades, the EU has passed nine directives on gender equality. But policymakers have trouble when these laws stray into cultural territory.

While recognising that equality between women and men is crucial to sustainable growth, employment, competitiveness and social cohesion; the national government must be committed to take further measures to strengthen gender balance in the country and must ensure the growing presence of women in society, especially in key positions and in the decision-making process.

Policies and measures must be enacted to empower more women to enter and remain in the labour market. These measures range from offering training to engage mothers absent from the labour market to promote flexible working arrangements and special provisions to help mothers, fathers, parents and other employees to improve the quality of life of families and workers by facilitating the reconciliation of work and private life.

Gender inequality acts as a brake on progress in health and education. It also hinders the fight against poverty. The goal of achieving gender equality is crucial for development in general. The strategy of gender mainstreaming to achieve this goal is a long-term step-by-step approach, based on integrating gender issues into both policy and practice by documenting, highlighting and disseminating good practice examples in an accessible format.

Cultural stereotypes can be a hindrance and must be eliminated by encouraging children to follow their dreams regardless of existing gender. For instance, girls ought to feel that it is perfectly acceptable to work towards a career involving maths or science and same wise; sons should be allowed to choose art classes over football. This surely will help break the cycle of sexist attitudes and behaviour. A co-educational schooling system is also very successful in challenging sexist attitudes. For both girls and boys co-education provides a more realistic way of training young people to take their places in the wider community of men and women. Friendships develop in a very natural way in co-educational schools. This happens because there are so many activities, societies and clubs in the school in which girls and boys take part in a pleasant, well-supervised environment.

Friendships develop naturally and genuinely because the mixing is a by-product of the event. This friendly atmosphere continues into the classroom allowing young people to express their views openly and assertively. It helps to break down the misconceptions of each sex about the other and provides an excellent foundation for the development of realistic, meaningful and lasting personal relationships and better work relationships later in life.

The European Greens firmly believe that the right policies and actions backed by adequate funding and strong political commitment can yield results. Let us be very sure that women can slowly gain ground in labour market and political decision-making, even though the progress may be erratic and marked by regional differences.

Ms. Nighat Urpani - Alternattiva Demokratika- The Green Party spokesperson for Social Protection, Email:info@alternattiva.org.mt

**Michael Briguglio**

*( jaqbad minn paġna 5)*

universali hi prijorita' ewlenija, u b'dan mhux qed nifhem biss Sptar. Nifhem ukoll il-kwalitá tal-ħajja, l-ikel li nieklu, d-dritt li tgħix f'post li mhux imniġġes – aspetti li jmorru l'hinn mis-sempliċi kura tal-mard.

*L-AD kien partit li dejjem kien favur li Malta tkun fl-UE, mingħajr ma wiegħed – kuntrarju għal ħaddiehor – li l-EU tista' tkun kollox għal kulħadd. Kif tiġġudika l-andament ta' pajjiżna f'dawn l-ewwel snin ta' sħubija? Liema huma dawk l-oqsma li fihom il-pajjż baqgħalu x'jaqdef?*

F'ċerti affarijiet morna 'l quddiem, f'oħrajn morna lura (ngħidu aħna l-bidla tal-flixken minn ħġieġ għall-plastik, għalkemm il-gvern jista' jiġġieled din permezz ta' eko-taxxa) u f'oħrajn għad baqa' ħafna xi jsir. Ngħidu aħna fil-qasam tal-ambjent, bħala liġijiet morna 'l quddiem, imma billi ftit kien hawn infurzar, dawn ma ssarfu f'xejn. Ċerti affarijiet l-UE tħallihom f'idejn il-pajjiż, u hawn jiddependi minn min imexxi. Fil-qasam soċjali wkoll. Ċerti drittijiet daħlu biss fuq il-karta, bħal dak tas-sigurtá fuq ix-xogħol. Però hemm oqsma oħrajn, u hawn nerġa' mmur għad-direttiva tax-xogħol, fejn il-Partit Nazzjonalista – li dejjem suppost riedna nidħlu fl-Ewropa – qed jagħmel minn kollox biex din ma tidħolx, u l-istess il-Partit Laburista li suppost hu partit xellugi. Dan għalija hu skandlu. L-istess dwar l-oqsma oħrajn marbuta ma' drittijiet ċivili. Fl-Unjoni Ewropea qed tiġi diskussa l-*'Anti-Discrimination Directive'*; li ngħidu aħna hi favur ċerti drittijiet ugwali għall-minoranzi li qed jiġu esklużi f'dawk li huma benefiċċji u sigurtá soċjali u li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fl-ebda qasam. L-Alternattiva hi favuriha kompletament, waqt li l-partiti l-oħra qed jopponu ċertu oqsma. L-istess dwar id-divorzju. Waqt li l-UE ma tilleġislax favur dan, kullimkien hu meħud li hu dritt ċivili. Il-PN min naħa l-oħra, jilgħabha li suppost hu partit Ewropew, hu kontra. Aħna konna favur li nidħlu fl-UE mhux biss għad-direttivi, imma anke għall-mentalitá u dimensjoni Ewropea u kosmopolitana; Ewropa ta' diversitá u ta' tolleranza. Jekk aħna, f'pajjiżna, ma nittollerawx lil min irid jiddivorzja, jew lil xi ħadd li għandu sesswalitá differenti minn tal-*'mainstream'* u li jixtieq jirregola r-relazzjoni tiegħu, allura ma tantx aħna Ewropej.

*Fil-passat l-AD spiss ipprotestat dwar il-'coverage' li tingħata fil-midja. X'inhuma il-ħsibijiet tiegħek?*

Jien mhux daqshekk ċiniku dwar dan il-qasam. Mhux dejjem kont naqbel ma' dikjarazzjonijiet li ħareġ il-Partit fil-passat. Din hi ħaġa naturali li mhux kulħadd jaqbel ma' dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien kien joħroġ il-partit. Naħseb li ċerti gazzetti jagħtuna coverage tajjeb. Dwar il-midja nazzjonali, naqbel li hemm fejn wieħed jilmenta, għax spiss ma tagħtiniex il-*coverage* li jistħoqqilna. Ngħidu aħna, biex niġu rrapurtati, irridu nagħtu konferenza stampa. Issa wieħed mhux dejjem irid/jista' jagħti konferenza stampa biex jesponi kull posizzjoni tiegħu. Jekk ikollok posizzjoni fuq kwistjoni; nieħdu d-direttiva tax-xogħol li semmejt jew id-divorzju; ma jidhirlix li għandna nagħmlu konferenza stampa fuq kull waħda. Barra minn hekk, ġieli nagħmlu konferenza stampa u l-ġurnalisti ma jiġux għax ikollhom impenji oħrajn. Jiġifieri hawn aħna żvantaġġati.

Hemm ukoll il-problema, mhux marbuta neċessarjament mal-partit tagħna, dwar il-midja ndipendenti li hi propjetà u hi ikkontrollata minn ċerti nteressi ndividwali. Ir-risposta għal din naħseb li wkoll hi li jkun hemm xandir statali tajjeb u verament miftuħ għal kulħadd.

Naħseb li għandu jkun hemm riforma serja fl-Awtorità tax-Xandir. Din hi ddominata mill-partiti l-kbar u ovvjament dawn jinsabu f'sitwazzjoni ta' gwerra bierda; l-aqwa li huma t-tnejn jibbilanċjaw lil xulxin. Din li kull ma rridu hu li n-Net u l-One jibbilanċjaw lil xulxin, ma tistax titqies bħala xi ħaġa nġusta, tant li kien hemm ruling li jgħid hekk. X'jiġifieri fil-kampanja elettorali l-istazzjonijiet taż-żewġ partiti jistiednu biss il-kandidati ta' xulxin, jew inkella biss il-kandidati tal-partit tagħhom? Jien naħseb li m'għandux ikun hemm stazzjonijiet tat-televiżjoni tal-partiti politiċi. Fuq ir-radju m'għandix din il-problema. Anke għax-xandir tal-istat, qabel ma jkun hemm riforma fl-Awtorità tax-Xandir, ma nistax nimmaġina qagħda aħjar milli hi. Ir-rappreżentanti jeħtieġ li jkunu maħtura b'mod ekwu mis-soċjetà ċivili, u mhux miż-żewġ partiti l-kbar.

*Hemm l-impressjoni li bil-ħatra tiegħek bħala leader, l-Alternattiva iċċaqalqet definittivament lejn ix-xellug. Għalfejn persuna li jemmen f'dawn l-ideali għandu jivvota AD?*

Naħseb li persuna xellugija għandha tivvota AD għax aħna l-uniku partit li hu bil-fatti favur il-ġustizzja soċjali, li m'aħna ffinanzjati minn ebda negozjant kbir, li verament favur politika serja ekoloġika u li verament favur id-drittijiet ċivili. Jidhirli li l-Partit l-ieħor tax-xellug, il-Partit Laburista għandu politika ta' konvenjenza, li trid togħoġob lil kulħadd (lill-kaċċaturi tgħidilhom mod, u l-ambjentalisti mod ieħor; lill-omosesswali mod u lill-konservattivi mod ieħor; lill-ħaddiema mod u lill-*business chamber* tal-partit stess mod ieħor). Il-partit Nazzjonalista hu ovvjament tal-lemin, u ma nistax nifhem kif jista' jkun hemm xi ħadd xellugi li jivvutalu. Aħna verament il-partit favur id-drittijiet tal-ħaddiema, dawk tal-minoranzi u li hu favur il-ġlieda kontra l-faqar u kontra l-esklużjoni soċjali, u li hu favur il-ġustizzja ekoloġika.

# Permaculture

Out of all sustainable farming practices, permaculture is probably the most holistic and ambitious approach. Permaculture is a coined term phrased from "permanence" and 'agriculture'.

This approach is based on a design science which involves human input as stewards and constructors of benign and healthy ecosystems made up of trees, water, perennial plants and the production of food and raw materials for human beings. As its name implies, permaculture does not focus on short term gains, but rather long term self sustaining methods of growth, including resource management and soil and water restorative systems which are also ideal microclimates for biodiversity enrichment.



This approach has been a slow catch for conventional farmers, partly because it requires more training and knowledge and partly because it relies on an unusual diversification of land use and crops with limited markets.

However, permaculture is governed by three imperative ethics(listed below) for safeguarding a better future civilization;

Earth care, People care and Fair share (share and return of surplus).

Permaculture is aimed at providing solutions for communities to empower their relationships with themselves, their neighbors and their environment. It has the potential of providing thinking skills whereby problems become solutions and collective efforts work for a more just and equitable future.

In Malta, permaculture is at its infancy. Although some people, have been working on its principles for a number of years, the community and grass roots aspects are branching out. So far, there are a couple of ongoing projects. Baħrija Oasis is one of them, while pioneering ecological restoration, agroforestry and permaculture.

For more information on the subject, please visit bahrijaoasis@blogspot.com join Baħrija Oasis on facebook to receive news on upcoming events including Permaculture. Full Design Courses next year, or write to permaculture.malta@gmail.com.

*Picture:Volunteers working on permaculture landscapes at Baħrija Oasis, some of our naturally grown produce, and a fig tree being grown in the design.*

# Lack of clean water kills 5,000 a day

**Marie Anne Zammit**

Before we know it, the effects of climate change will hit the world with considerable effects. Water is one of the elements being affected by this change in climate, as its levels are being altered by these climate repercussions. Scientists tell us that there is not yet a global water shortage but it is estimated that more than 40% of the world population live with some form of water scarcity. This is bad news as water is essential both for living and both for hygienic purposes.

In developing countries, shortage of water seems to be one of the main problems. As a response to this and other levels of poverty, the International Community in 2000 set a number of goals to combat poverty and hunger as well as promoting equal opportunities between nations. These targets are referred as the **Millennium Development Goals.** The commitment was that by 2015 the population without sustainable access to drinking would be halved. Other goals listed are that of primary education, gender equality and women empowerment, child mortality, maternal health, HIV/AIDS and Malaria, ensure environmental sustainability and develop global partnerships.

It is calculated that around 1.1 billion people of the world population lack access to drinking water, whilst around 2.6 billion lack access to basic sanitation. The regions in the world which are mostly affected are Northern Africa, Western Africa and South Asia. Lack of access to safe water, poor sanitation and lack of hygiene is killing thousands of children every day. Not only is this situation taking the lives of many, but it is leading to situations of extreme poverty as well as depriving individuals from numerous opportunities.

Poor sanitation of water and lack of hygiene are having serious effects on individuals, mostly affecting their health. About 1.6 million die every year from several diseases including cholera, and all are attributed to lack of access to safe drinking water and basic sanitation. Even children under 5 years do not escape this cruel fate, especially in developing countries where they are also mostly affected. Not only this, children are being deprived their right to education as schools are not equipped with decent sanitation facilities

It is estimated that 160 million people are infected with ***schistosopiasis*** which is a disease leading to thousands of deaths every year. The other consequences associated to this shortage of water are that of blindness.

About 500 million people are at risk of getting trachoma and blindness, whilst 6 million are visually impaired.

Also, inadequate drinking water along with poor sanitation are noted to cause intestinal problems with other added conditions like that of hookworm infections, and around 1.5 million of clinical hepatitis in each year.

In developing countries, women too, have to carry the burden as they are responsible for the fetching of water for the needs of their families. Water is used for drinking, bathing, cookery and other household uses. However, women have to keep their houses, their bodies and their children clean with limited water supplies while at the same time having to avoid contamination of water stored for drinking and cooking. Girls of a pubescent age do not go to school when menstruating as there are no adequate separate sanitary facilities.

Around 1.3 billion women and girls in developing countries live without access to private, safe and sanitary toilets. In countries, where basic sanitation does not exist, women and girls have to rise before dawn to defecate in open areas and often being exposed to the risk of violence and rape.

This lack of water and sanitation is a serious threat to the world affecting many people. Every state is responsible to ensure that the Millennium Development targets are reached. Having access to drinking water and health is a human right and these people cannot be deprived from these rights.

Several measures should be taken collectively to address this situation which include; global monitoring of the water supply and sanitation, continuous updating and wide dissemination of the WHO s' guidelines for drinking water quality and other norms which are essential in improving the quality of water and sanitation services.

Also, the promotion of studies comparing the costs for providing and improving water and sanitation services and health benefits. More support action on home water treatment through a world wide network which should include international organizations, research and institutes.

These efforts help to alleviate this problem before aggravating into a serious threat.

**The article was published on Helium.com as part of the Pultzer Centre Global Issues/Citizen Voices Essay Contest.**

# Kompetizzjoni Nġusta

**minn A. Pert**

Fl-oqsma tal-kummerċ u l-industrija hemm fehma ġenerali, li l-kompetizzjoni fis-suq tkun ġusta meta ebda sid jew negozjant ma jieħu vantaġġ b`xi kundizzjoni preferenzjali, li ma tkunx disponibbli għall-kompetituri tiegħu. Fuq din il-fehma, politiċi neo-liberali jgħidu li l-Istat m`għandux ikollu ażjendi, għax bil-vantaġġ finanzjarju tiegħu jiddomina s-suq u jifga lill-kompetituri privati. Għal dik ir-raġuni pprivatizzaw l-intrapriżi kważi kollha, li kellhom l-Istati ta' l-UE.

Ma nidħolx fl-argumenti li din il-veduta neo-liberali tinjora l-iżvantaġġi li ġġib fl-oqsma tal-impjiegi u tas-servizzi strateġiċi statali, u anke tal-*welfare state*. Immur mill-ewwel fuq il-fatt li l-istess raġunar ma tistax tapplikah fir-rigward tal-kompetizzjoni nġusta bejn il-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Hawn bosta sidien li ma jiddarsux li wara l-ipprivatizzar, japprofittaw ruħhom min-nuqqas ta' kompetizzjoni minn ażjendi Statali, li jifilħu jħallsu pagi tajba u jistmaw tajjeb lil impjegati. Mingħajr dik il-kompetizzjoni minn ażjendi ta' Istat, isibu l-liberta li bejniethom jilgħabu bl-impjiegi u bil-kundizzjonijiet tax-xogħol, u bil-prezzijiet tal-prodotti, bla ma jagħtu wisq każ tal-interessi tal-ħaddiema u tal-konsumaturi. Sakemm is-sistema ma titħaddimx mill-anġli puri, ma naħsibx li privatizazzjoni b'dan il-mottiv hija soluzzjoni għal min huwa kontra kull xorta ta monopolji.

Nies tal-kapital iridu dritt li jilliberaw l-azjendi privati minn kompetizzjoni ta' ażjendi Statali, sabiex jimmaniġġaw kif jaqbel lilhom għal profitt massimu, għax ma jridux li l-kompetitur statali jtellifhom xi parti mill-qliegħ esaġerat, li qabel dan il-qliegħ kien jitgawda mill-impjegati u l-konsumaturi.

Ukoll ma jaqblux li l-ħaddiema ta' pajjiżhom ikollhom l-istess dritt ta' ħarsien mill-kompetizzjoni nġusta ta' ħaddiema sfruttati barranin, li qed tolqot il-ħaddiema bil-kbir negattivament. Anżi s-sidien jinsistu għall-liberta li jisfruttaw lill-ħaddiema barranin, biex għal gwadann tad-ditti privati, jisforzaw lin-nies tax-xogħol lokali jaċċettaw kundizzjonijiet imnaqqsa ta' xogħol.

Dan ifisser li waqt li mhux permess kompetizzjoni li tista' tnaqqas il-qliegħ massimu għall-kumpaniji privati, l-politika neo-liberali tinsisti li fil-qasam tax-xogħol ikollna kompetizzjoni minn għadd ta' ħaddiema sfruttati, li twassal għal tnaqqis fil-kundizzjonijiet u l-kwalitá tal-ħajja tal-maġġoranza tal-impjegati Maltin. Parti mis-"Services Directive" tal-UE tgħin lis-sidien f`din id-direzzjoni. Allura trid tkun biss il-konfederazzjoni tat-trejdunjins Ewropej (ETUC) li tgħaqqad il-fruntieri statali tax-xogħol fl-Ewropa, biex tinnegozja soluzzjoni għal din il-qagħda nġusta komuni Ewropea.

Il-kobor ta' din l-inġustizzja jidher iżjed ċar mill-manjiera li l-politika neo-liberali tal-UE tittratta r-relazzjonijiet kummerċjali ma pajjiżi barranin. Waqt li taċċetta sfruttament imkabbar bil-kompetizzjoni tal-ħaddiema, bl-infuss ta ħaddiema barranin sfruttati fis-suq tax-xogħol, l-UE ma tridx li l-prodotti mportati minn barra l-Unjoni Ewropeja jidħlu bla ma jiġu ntaxxati bil-kbir. Jiġifieri ma tħallix prodotti barra mill-EU jikkompetu ġustament ma' ditti lokali.

Qisu ma kienx biżżejjed li ħelset lis-sidien/negozji mill-kompetizzjoni ta' ażjendi statali b`dannu għaċ-ċittadini l-oħra. Qegħda wkoll tipproteġihom ukoll mill-kompetizzjoni globali, biex iżommu l-prezzijiet għolja, minkejja li sidien qed jħallsu inqas tal-produzzjoni, lill-ħaddiema sfruttati, bil-kompetizzjoni ntensifikata mill-immigrazzjoni bla qies.

Allura din il-politika qed tiffavorixxi tripplament lis-sidien ażjendjali, u tfajjar biż-żewġ lill-ħaddiema u l-konsumaturi. Waqt li tinkoraġġixxi l-isfruttament tal-ħaddiema lokalment u barra l-pajjiż, ma tagħmel xejn favur it-titjib tal-livell tal-għejxien u l-kwalita tal-ħajja tal-kotra. Tajjeb li ma jkollniex monopolji, imma fejn dawn jesiżtu, huwa soċjalment preferut li jkunu tal-Istat bil-kundizzjoni li l-ħaddiem u l-konsumatur jiġu mħarsa bil-liġi miktuba u mplimentata. Il-każ tal-privatizazzjoni tal-gass wasslet għall-falliment soċjali ta' dan is-servizz.

Nafu li l-politika tal-kompetizzjoni żbilanċjata tal-UE hija mħaddma b`fervur mill-gvern Nazzjonalista Malti. Anzi dan aktarx li għandu tendenzi ta' linja iżjed estrema. Il-gvernijiet tal-Ġermanja, Franza u l-Italja, sabu metodi kif fl-istess ambitu tal-UE jżommu l-intrapriżi strateġiċi bħat-telekomunikazzjoni, l-posta, l-banek il-kbar u l-linji tal-ajru nazzjonali f`idejn l-istat, waqt li l-gvern Malti pprivatizza t-telekomunikazzjoni u l-akbar bank il-'Mid Med', u anka l-unika linja tal-baħar 'Sea Malta', biex għadda l-qliegħ statali minnhom lill-barranin bla ebda gwadann tanġibbli għas-soċjetá Maltija, u b'dannu strateġiku għall-pajjiż.

Din il-politika swiet lil-Istat Malti telf finanzjarju annwali kbir, li rriflettа fi djufija tal-'welfare state' u fl-impożizzjoni ta' awsteritá fatħxija bl-ogħla taxxi /soprataxxi fl-UE, b'konsegwenzi kbar fuq il-kompetittivitá u fuq il-kwalita tal-ħajja, u fuq l-għeruq soċjo-ekonomiċi tal-pajjiż.

Sakemm il-globalizzazzjoni tibqa' tkun manipulata b`dawn l-inġustizzji, ebda avvanz ekonomiku, teknoloġiku jew xjentifiku, ma jista' jġieb il-veru żvilupp ta' progress li jitgawda mis-soċjeta kollha.

# Jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-Partit Komunista Malti u Rifondazione Comunista ta' l-Italja

Aktar kmieni din is-sena kien hawn Malta delegazzjoni mill-partit Rifondazione Comunista ta' Valtiberina għal taħdidiet ta' ħbiberija u koperazzjoni mal-Partit Komunista Malti.

Fil-laqgħat li saru d-delegazzjonijiet miż-żewġ partiti ġew ikkonfrontati u diskussi diversi suġġetti bħall-problemi soċjo-ekonomiċi taż-żewġ pajjiżi kif ukoll ir-rwol tal-forzi komunisti fl-Ewropa tas-Seklu 21.

Is-segretarju tas-sezzjoni ta' Sansepolcro ta' Rifondazione, Emanuele Calchetti wassal it-tislijiet tal-mexxej nazzjonali tal-partit, Paolo Ferrero kif ukoll messaġġ mill-uffiċjal inkarigat mill-affarijiet internazzjonali, Fabio Amato li awgura li tkompli l-kollaborazzjoni li nbdiet biż-żjara f'Malta.

Iż-żewġ naħat qablu dwar l-importanza li jitkomplew u jissaħħu r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ partiti b'kull mod possibbli.

Stqarrija mid-delegazzjoni Taljana qalet li l-laqgħa eċċellenti mogħtija mill-PKM liż-żgħażagħ Komunisti Taljani ppermettiet li dawn ikabbru l-għarfien tagħhom dwar ir-realtá Maltija.

Id-delegazzjoni, permezz ta' laqgħat organizzati għaliha mill-PKM fosthom mal-General Workers Union u korpi oħra, setgħet tindaga dwar problemi marbuta mal-ħajja tal-ħaddiema, l-istudenti u l-pensjonanti f'Malta u jikkonfrontaw is-sitwazzjoni hawn mar-realtá li treġi fl-Italja u f'Valtiberina.

Il-PKM qiegħed iħejji biex jibgħat delegazzjoni biex jitkomplew dawn it-taħdidiet ma'Rifondazione Comunista f'Valtiberina u jinbdew proġetti bi sħab.




*Ritratt: Membri tad-delegazzjoni Taljana flimkien ma' membri tal-PKM waqt laqgħa fil-kwartieri tal-PKM filbelt Valletta*

# Il-ħidma tal-ETUC favur Ewropa Soċjali

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tkellmet dwar il-jum ta' azzjoni mill-ħaddiema Ewropej li sar fid-29 ta' Settembru organizzat mill-"Konfederazzjoni ta' Trejdjujins Ewropej (ETUC)", li kien l-Ewwel Strajk Ġenerali msejjaħ madwar l-pajjiżi kollha ta' Unjoni Ewropea. L-Istrajk mgħajjat kien kontra l-ħolqien ta' xogħol prekarju, l-miżuri ħorox ta' awsteritá fuq il-ħaddiema, il-faqar Soċjali ġdid u l-politika neoliberali addottata mill-Istituzzjonijiet Ewropej.

Is-Segretarju Ġenerali ta' ETUC, John Monks sejjaħ din l-azzjoni bħala waħda neċessarja sabiex l-Ewropa tiġi mġiegħla tbiddel id-direzzjoni tagħha li hi waħda anti-soċjali. Huwa qed jappella l-Istituzzjonijiet Ewropej sabiex jfasslu politika favur Ewropa Soċjali u Ekoloġika. Appella wkoll li l-futur ta' l-Ewropa ma għandux jkun ibbażat fuq suq tax-xogħol bil-kundizzjonijiet prekarji.

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropeja prezentament qegħda tipproteġi lil minn l-aktar li għandu l-ġid u mhux lil minn qed jipproduċieh. Ix-Xogħol prekarju mhu xejn ħlief għodda ta' jasar modern li qed jbaxxi l-livell ta' l-għixien tannies tax-xogħol u l-familji tagħhom. Żminijietna temmen li l-kwalitá tax-xogħol għandha tkun l-oġġettiv primarju sabiex jiġi assigurat l-iżvilupp soċjali, kwalitá tal-ħajja u kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti u ekonomija sostenibbli.

Żminijietna - Leħen ix-Xellug apprezzat is-sehem tal-General Workers Union f'din il-ħidma militanti ta' solidarjetá li saret fi Brussels.